



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2014/2139(DEC)

8.12.2014

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013: prestazzjoni, ġestjoni finanzjarja u kontroll
(2014/2139(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Sylvie Guillaume

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

Korpi u organi tal-Unjoni fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja

1. Jagħraf li nħolqu għadd kbir ta' aġenziji fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, iżda jfakkar fl-importanza tal-missjonijiet li jwettqu l-aġenziji u l-impatt dirett li għandhom fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini; jenfasizza li l-aġenziji l-ġodda kollha nħolqu biex jindirizzaw hteġa reali; jinsab konvint li l-aġenziji kollha f'dan il-qasam jiżvolġu rwol distint u meħtieġ, li jipprovdi valur miżjud Ewropew;
2. Iħeġġeġ lill-aġenziji kollha jagħmlu hilitom biex jiġġestixxu l-baġits tagħhom b'mod responsabbli u jitlobhom, b'mod partikolari, itejbu l-ippjanar baġitarju li m'għandux jagħmel estimi ikbar mill-bżonnijiet u għandu jirrispetta l-prinċipju tal-annwalità; jistieden lill-aġenziji jagħmlu hilitom biex jiksbu l-aktar livell għoli ta' trasparenza; jifraħ lill-aġenziji li diġà għamlu sforzi biex jirrazzjonalizzaw l-operazzjonijiet tagħhom u jottimizzaw l-użu tal-baġits tagħhom;
3. Jiddeplora l-fatt li ċerti Stati Membri ma rnexxilhomx jikkonkludu l-ftehimiet dwar is-sede; jesprimi t-tħassib tiegħu li dan jista' jkollu riperkussjonijiet serji għall-persunal tal-aġenziji u jappella lill-Istati Membri kkonċernati jikkonkludu l-ftehimiet qabel il-bidu tal-proċedura ta' kwittanza tal-baġit li jmiss;
4. iqis li t-tendenza li fit-tfassil tar-rapporti titqiegħed enfasi akbar fuq l-effikaċja u r-riżultati hija waħda pożittiva; jitlob li tissaħħaħ aktar is-sistema ta' rapportar f'dan ir-rigward sabiex titjieb ir-responsabbiltà demokratika tal-aġenziji;
5. Hu tal-fehma li, b'mod ġenerali, għandu jsir titjib fil-proċedura tar-reklutaġġ u, fost oħrajn, fit-trasparenza tagħhom;
6. Jixtieq li tal-anqas ir-rapporti annwali tal-attivitajiet tal-aġenziji jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mhux biss bl-Ingliż, imma bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, jew inkella inizjalment bil-Ġermaniż u bil-Franċiż;
7. Jinnota li xi aġenziji li jaħdmu fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja huma operattivi u li l-implementazzjoni tal-baġit tagħhom tiddependi wkoll minn fatturi esterni;
8. Jistieden, b'mod ġenerali, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex tiffoka aktar fuq l-awditjar tal-ġestjoni finanzjarja soda tal-aġenziji, jiġifieri l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja li bihom l-aġenziji użaw l-approprijazzjonijiet tagħhom fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħhom.